MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 913/2004

**Fl-atti tac-Citazzjoni 512/04NC u partikolarment fir-rigward ta' l-Atti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru. 1270/04JA fl-ismijiet:-**

**Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer u Vincenza Caruana.**

**vs.**

**Mario u Josephine Caruana konjugi u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2005, *stante* l-mewt ta' Mario Caruana, l-atti gew trasfuzi f'isem Stephanie Caruana u Josephine Caruana bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Charlo't, Maria Victoria u Kimberly ahwa Caruana.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti odjerni Mario Caruana et datata 26 ta’ Novembru 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn esponew:-

1. Illi huma akkwistaw *plots* 12 u 13 minn ghand missier l-intimat *cioe`* minn ghand Carmelo Caruana. Kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin tal-10 ta’ Dicembru 1991. Dan il-kuntratt gie anness mar-risposta ghar-rikors li fih intalbet l-inibizzjoni. “Dok 1”.

2. Illi permezz ta’ digriet rigward il-mandat numru 1270/04 JA fl-istess ismijiet, l-esponenti gew inibiti milli jizviluppaw u jaghmlu xoghol fil-*plots* 12 u 13 minnhom akkwistati kif fuq inghad – l-atti tal-mandat ghandhom jigu allegati;

3. Illi ma’ dak il-kuntratt kienet giet annessa pjanta li kopja taghha giet annessa mar-risposta ghar-rikors li fih intalbet l-inbizzjoni Dok “2” – din il-pjanta li hi wkoll il-pjanta ta’ divizjoni tindika wkoll il-kejl tal-*plots* kif gew maqsuma bil-kuntratt ta’ divizjoni tal-21 ta’ Jannar 1984;

4. Illi l-konvenuti jichdu kategorikament li huma b’xi mod qabzu l-konfini tal-porzjon taghhom jew li b’xi mod dahlu klandestinament u malizjozament fil-porzjon ta’ l-atturi;

5. Illi sa issa gia inbnew *plots* 4 u 5 mill-proprjetajiet li kienu nvoluti f’din il-qasma; issa jekk dawn hadu aktar spazju milli suppost, ma jistghux il-konvenuti jbatu dan it-tnaqqis.

6. Illi l-konvenuti mxew taht l-istruzzjoni tal-Perit Anton Zammit, ingieb ukoll *surveyor* mill-Perit Leli Zammit – is-*surveyor* tal-Gvern ta lill-konvenuti l-linji ta’ barra *cioe`* tal-faccati. Dawn kollha jistghu jingiebu sabiex jixhdu dwar xogholhom. Il-Periti tal-konvenuti assolutament ma jaqblux mal-pjanta annessa mar-rikors u maghmula mill-Perit Mannie Galea.

7. Illi jekk il-pjanta ta’ divizjoni kienet hazina fil-kejl u fil-qisien jistax dan l-izball ibatih wahdu l-konvenut. Jinghad illi fil-fatt il-*plot* numru 12 kif qed tigi zviluppata mill-konvenuti gia` qieghda anqas minn dik indikata fil-pjanta tal-qasma.

8. Illi l-atturi qed jippretendu li jekk hemm nuqqas ta’ art minn dik indikata fil-pjanta ta’ divizjoni, dan in-nuqqas ibatih il-konvenut wahdu biex huma jibqghu bl-istess kejl. Dan mhux dak li trid il-ligi.

9. Illi inutilment il-konvenuti fl-atti tal-mandat talbu lill-Onorabbli Qorti tahtar perit espert sabiex jirrelata; intant dik il-Qorti laqghet il-mandat ta’ inibizzjoni liema mandat qed jirreka hafna danni lill-konvenuti.

10. Illi l-esponenti kienu ser  jizviluppaw din il-*plot* f’sittax il-*garage* u erba’ *maisonettes* sabiex ibieghhom – il-prezz taghhom kollha f’daqqa kien ikun ta’ cirka Lm350,000 – l-art wahedha kienet stmata Lm175,000. Gia` kienu inhargu l-permessi ghal dan l-izvilupp u l-esponenti gia` kien beda x-xoghol fuq il-proprjeta` Dok “X1” jixhed dan – l-esponent ha self ta’ Lm50,000 li fuqhom hu gia` qed ihallas l-imaghaxijiet fuq dik il-parti mis-self li giet irtirata;

11. Illi dan il-mandat qed jistultifika l-kummerc tal-konvenuti. Il-konvenuti ghandhom bzonn malajr jibnu u jbieghu sabiex ma jkomplux isofru danni. Il-mandat qieghed zgur jirreka danni fl-ammont tal-valur lokatizju tal-fondi li huma kienu ser jibnu – erba’ *masonettes* igibu kera annwa ta’ Lm2,000 il-wahda u sittax-il *garage* igibu kera annwa ta’ Lm 300 il-wiehed. Dan igib id-danni prospetti jlahhqu madwar Lm12,800 fis-sena.

12. Illi intant permezz ta’ ittra (li gia` giet esebita f’dawn l-atti) mibghuta lill-Prokuratur Legali tal-konvenuti, Catherine Ebejer, wahda mill-atturi, indikat li hi ma ridetx tiehu parti fi proceduri gudizzjarji – hi la riedet il-mandat u lanqas il-kawza. Dan ifisser li kemm il-mandat kif ukoll il-kawza saru *ad insaputa* taghha u minghajr ir-rieda taghha. *In vista* ta’ dan ma jibqax ragjonevoli li jinzamm dan il-mandat fis-sehh. F’din l-itrra datata 14 ta’ Ottubru 2003

Catherine Ebejer stqarret *"Jiena lil huti, li fuq ic-citazzjoni imsemmija, ghamiltilhom cara hafna anke bil-miktub li jiena Catherine Ebejer ma ridtx li nidhol f'din il-kwistjoni. Allura lanqas huwa sewwa li minghajr ir-rieda u volonta` tieghi jaghmlu ismi wkoll".*

A bazi ta' din l-istqarrija fejn allura jidher li l-mandat sar kontra r-rieda ta' wahda mill-persuni imsemmija bhala rikorrenti u wara atturi, gia` hemm raguni bizzejjed biex jaqa' l-mandat a bazi l-mandat a bazi ta' l-**artikolu 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni.**

13. Illi ghalhekk l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tnehhi *in toto* jew *in parte* l-effetti tal-mandat surriferit minn fuq il-proprjeta` fuq indikata u dan *ai termini* tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nuqqas li jigri dan jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika dak li jinghad fl-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**L-artikoli 836 (1)** u **838A** jghidu s-segwenti:

***"836***. *(1) Without prejudice to any other right under this or any other law, the person against whom any precautionary act has been issued, may make an application to the court issuing the precautionary act, or, if a cause has been instituted, may make an application to the court hearing such cause, praying that the precautionary act be revoked, either totally or partially, on any of the following grounds:*

*(a) that the precautionary act ceased to be in force:*

*(b) that any one of the conditions requests by law for the issue of the precautionary act does not in fact subsist:*

*(c) that other adequate security is available to satisfy the claim of the person at whose request a precautionary act was issued either by the issue of some other precautionary act or if such other security can to the satisfaction of the court adequately secure the claim;*

*or*

*(d) if it is  shown that the ammount claimed is not prima facie justified or is excessive; or*

*(e) if the security provided is deemed by the court to be sufficient; or*

*(f) if it is shown that in the circumstances it would be unreasonable to maintain in force the precautionary act in whole or in part, or that the precautionary act in whole or in part is no longer necessary or justifiable."*

*"**838A**. It shall be lawful for the court, on good cause being shown, upon the demand by application of the person against whom a precautionary act has been issued, to order the party suing out the warrant to give, within a time fixed by the court, sufficient security for the payment of the penalty that nay be imposed, and of damages and interest, and, indefault, to rescind the precautionary act."*

Illi a bazi ta' l-**artikolu 836 (1) (b), (d) u (f)** tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-mandat ta' inibizzjoni ghandu jaqa' u fin-nuqqas ghandu jigi applikat l-**artikolu 838A** ta' l-istess Kodici u l-atturi ghandhom jintalbu jaghmlu l-garanzija hemm imsemmija ghal somma li ma tkunx anqas minn Lm30,000.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti (a) joghgobha tnehhi *in toto* jew *in parte* l-effetti tal-mandat fuq indikat u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jew (b) alternattivament tordna lill-atturi sabiex *ai termini* ta' l-**artikolu 838 A ta' l-istess Kap 12, (i)** fi zmien qasir u perentorju fissat minn din il-Qorti, jaghtu garanzija xierqa ghal hlas ta' penali li tista' tigi mposta fuq l-intimati u ghad-danni li jistghu jsofru l-esponenti frott tal-mandat fuq indikat u ghall-interessi u (ii) fin-nuqqas jaghmlu dan l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrexxendi l-mandat ta' inibizzjoni numru 1270/04 JA fl-ismijiet **Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer**

**u Vincenza Caruana vs Mario u Josephine Caruana konjugi.**

Rat id-dokument anness mar-rikors li huwa *"copy of the original decision notice"* mahrug mill-MEPA ghall-*Full Development Permission* fuq l-istess rikorrenti Mario Caruana datat 26 ta' Gunju 2002 P.A. 05935/00 ghall-bini ta' *maisonettes* u *garages* f'sit Triq il-Konvoj Ta' Santa Marija, Mqabba.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar it-30 ta' Novembru 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-smiegh tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 2004.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-14 ta' Dicembru 2004 sat-2 ta' Dicembru 2005 fejn il-Qorti ordnat li l-kostruzzjoni tal-hajt skond id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2005 isir taht is-supervizzjoni u direzzjoni tal-Perit Joseph Ellul Vincenti. Ir-rikors gie differit ghas-17 ta' Frar 2006 ghar-rapport.

Rat in-nota ta' l-Avukat Dr. Franco Debono u l-Avukat Dr. Charmaine Cherrett datata 14 ta' Dicembru 2004 a fol. 11 tal-process li biha nfurmaw lill-Qorti illi assoccjaw ruhhom fil-patrocinju ta' l-atturi fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta ta' Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer, u Vincenza Caruana pprezentata fir-Registru fil-25 ta' Frar 2005 a fol. 16 tal-process fejn esponew bir-rispett u bil-gurament taghha Antonia Busuttil ikkonfermat:-

Illi l-esponenti huma l-propjetarji ta' diversi *plots* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Maria, Mqabba, senjatament *plot* 2 – Vincenza Caruana, *plots* 3, 8 u 9 Emanuel Caruana, *plots* 6 u 7 Catherine Ebejer, u *plots* 10 u 11 Antonia Busuttil, filwaqt li l-konvenuti huma l-proprjetarji ta' *plots* 12 u 13;

Illi *ai termini* tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 1270/2004 JA, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet ta' l-esponenti, u

inibit lill-konvenuti milli jkomplu jizviluppaw il-*plots* numri 12 u 13, *stante* li t-talbiet elenkati fl-istess mandat gew ippruvati, u huma mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi Citazzjoni numru 512/2004;

Illi l-konvenuti intavolaw rikors fejn qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tnehhi *in toto* jew *in parte* l-effetti tal-mandat sufferit minn fuq il-proprjeta` indikata, *ai termini* ta' l-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u fin-nuqqas talbu li din l-Onorabbli Qorti tapplika l-**artikolu 838 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-esponenti kategorikament jopponu ghat-talbiet elenkati fir-rikors epprezentat mill-konvenuti, partikolarment ghaliex huma diga` qeghdin isofru pregudizzju rrimedjabbli minhabba l-azzjonijiet tal-konvenuti, bil-konsegwenza illi naqsitilhom konsiderevolment il-proprjeta` taghhom u l-uzu u t-tgawdija taghha;

Illi certament ghandu jigi rilevat li t-talba ta' l-esponenti ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni hija gustifikata, u indubbjament ma jirrizultax li t-talba ta' l-esponenti ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni saret b'malizzja, jew li kienet frivola jew vessatorja;

Illi rigward l-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, fis-sentenza **"Camilleri vs Gove' et"** 10 ta' Mejju 2001, gie stabbilit:-

*"L-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja` bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju...**illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar jifforma l-mertu tal-kawza...**"*

Dan l-argument gie kkonfermat f'diversi sentenzi fosthom **P.J. Sutters Co. Ltd vs Concept Ltd** (10 ta' Mejju 2001), **Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.** (7 ta' Frar 2001).

Illi inekwivokabbilment il-pretensjonijiet legali li wasslu lill-esponenti sabiex jintavolaw il-mandat ta' Inibizzjoni 1270/04 JA gew fondati u kkonfermati meta din l-Onorabbli Qorti laqghet l-istess mandat ta' inibizzjoni.

Illi *inoltre*, l-pretensjonijiet ta' l-esponenti kif dedotti fil-mandat ta' inibizzjoni gew sostanzjati mill-Perit Mannie Galea, li acceda fuq il-post u hejja d-dokumentazzjoni relattiva li giet ukoll esebita fl-atti tal-mandat in kwistjoni.

Illi l-konvenuti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-esponenti jaghtu garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali, li fil-kaz odjern din it-talba fil-konfront ta' l-esponenti hija insostenibbli, *stante* li ma tirrizulta ebda raguni gusta ghal imposizzjoni ta' tali garanzija fuq l-esponenti;

Illi *di piu`*, l-esponenti inkarigaw ukoll il-Perit Philip Mifsud sabiex jeccedi fuq il-post mertu ta' din il-vertenza u jhejji rapport rigward il-*plots* ta' l-art fi Triq il-Konvoj ta' Santa Maria;

Illi dan ir-rapport jikkonferma li l-konvenuti invadew il-proprjeta` ta' l-esponenti, u qeghdin jirriservaw li jipproducu dan ir-rapport quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi tenut kont tal-provi kollha diga` prodotti mill-esponenti, kif ukoll il-provi ohrajn producibbli, huwa car u manifest li l-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni 1270/04, huwa gust, u certament mhux frivolu jew vessatorju;

Illi l-mandat ta' Inibizzjoni 1270/04 huwa fundamentali sabiex jikkawtela d-drittijiet ta' l-esponenti, li sejrin isofru pregudizzju rrimedjabbli fl-eventwalita` li tali mandat ma jibqax vigenti;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li joghgobha tichad ir-rikors intavolat mill-konvenuti Mario u Josephine konjugi Caruana fit-2 ta’ Novembru 2004, thalli vigenti l-mandat ta’ inibizzjoni numru 1270/04 fl-ismijiet “Antonia Busuttil, Emanuel Caruana, Catherine Ebejer u Vincenza Caruana vs Mario u Josephine konjugi Caruana”.

Rat ir-rikors ta’ Josephine Caruana datat 2 ta’ Marzu 2005 a fol. 19 tal-process fejn l-esponenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha (1) tahtarha bhala kuratrici *ad litem* ghal uliedha minuri Charlo’t, Maria Victoira u Kimberly ahwa Caruana u (2) tillegittima l-atti sabiex Mario Caruana jigi sostitwit fil-kawza minn Stephanie Caruana u minn Josephine Caruana bhala kuratrici *ad litem* tat-tlett ulied minuri Charlo’t, Maria Victoira u Kimberly ahwa Caruana. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fl-4 ta’ Marzu 2005, u ordnat t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fit-terminu tat-talba *stante* l-mewt ta’ Mario Caruana.

Rat ix-xhieda ta’ Antonia Busuttil fejn xehdet fis-seduta tal-25 ta’ Mejju 2005 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 19 ta’ Mejju 2006 a fol. 29 tal-process li biha esebew kopja legali tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1270/04 skond verbal ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta’ Mejju 2006.

Rat l-Ordni ta’ din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 17 ta’ Frar 2006; tat-23 ta’ Marzu 2006; tas-16 ta’ Mejju 2006 fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tesebixxi kopja legali tal-Mandat ta’ Inibizzjoni mertu tal-proceduri odjerni u r-rikors thalla ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta’ Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2006 fejn Dr. Raymond Zammit ghar-rikorrenti ddikjara li l-mertu tar-rikors illum jinsab ezawrit u l-istess rikors gie differit ghac-cessjoni ghall-14 ta’ Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Ray Zammit ghar-rikorrenti prezenti. Dr. Zammit ipprezenta nota fejn ceda l-mertu tar-rikors u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjes. La l-intimata u lanqas id-difensuri taghha ma dehru. Ir-rikors gie differit ghall-provvediment fuq l-ispejjez ghat-30 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota tar-rikorrenti ffirmata minn Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Pauline-Anne Mallia datata 14 ta’ Novembru 2006 (fol.71) fejn l-istess rikorrenti attwali u odjerni iddikjaraw li *“qeghdin icedu il-mertu tar-rikors maghmul stante li l-kawza li sewgiet il-mandat ta’ inibizzjoni issa waslet fi tmiemha u dan sabiex jidderiegu rwiehhom ahjar; izda jzommu ferm il-kap ta’ l-ispejjez u f’dan is-sens jirreferu ghan-nota ta’ sottomissjonijiet li ser jipprezentaw fil-kawza fl-istess ismijiet Citaz. 512/04”*

Rat ix-xhieda kollha hemm esebita.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi r-rikors tar-rikorrenti kien sar fl-ewwel lok abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

**“*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-*

Illi fost ir-ragunijiet imsemmija hemm dawk abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b) (d) u (f)** li jipprovdu:-

*“(b) Li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(d) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Illi fid-digriet **“Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et”** (P.A. (RCP) 10 ta’ Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001 inghad ukoll *“li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija”.*

Illi fil-fatt jista’ jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f’din il-procedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta’ Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. **(“P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited”** – P.A. (RCP) 10 ta’ Mejju 2001; **“Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd”** - P.A. (RCP) 7 ta’ Frar 2001; **“Joseph Camilleri vs Anthony Gove’ et”** - P.A. (RCP) 10 ta’ Mejju 2001).

Illi gara pero’ li l-mertu ta’ dan ir-rikors gie cedut permezz ta’ nota 14 ta’ Novembru 2006 li fiha jinghad li dan sar ghaliex il-kawza li segwiet il-mandat waslet fi tmiemha u wkoll sabiex ir-rikorrenti jidderigu ruhhom ahjar; dan fih

innifsu huwa differenti minn dak indikat fil-verbal tal-25 ta' Ottubru 2006 fejn l-istess Dr. Raymond Zammit ghar-rikorrenti ddikjara *"li l-mertu tar-rikors jinsab ezawrit".*

Illi apparti dan jirrizulta li l-istess rikorrenti zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez u allura din il-Qorti sejra tillimita ruhha fuq hekk, ghalkemm necessarjament fil-konsiderazzjonijiet taghha trid tikkonsidra l-mertu tar-rikors anke fuq il-binarju ta' l-artikoli fuq citati. Din il-Qorti taghmel cara li l-ezami li ser taghmel huwa dak biss fuq indikat dwar il-hrug tal-mandat kawtelatorju u fuq konsiderazzjonijiet ta' *prima facie* u xejn izjed ghaliex il-mertu tal-kawza jigi biss deciz fil-kawza pendenti bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi Citaz. Numru 512/2004 li hija kawza ta' spoll.

Illi ghall-iskop ta' dawn il-proceduri jidher li kien inhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1270/2004/JA sabiex rikorrenti odjerni jigu inibiti milli jibnu kull tip ta' kostruzzjoni jew kwalunkwe zvilupp iehor fuq *plots* 12 u 13 Triq il-Konvoj ta' Santa Maria, kantuniera ma' Triq Xandru Farrugia, Mqabba u dan ghaliex inghad li jekk isir l-istess zvilupp, l-art tar-rikorrenti hemm deskritta, li tinsab biswit dik tar-rikorrenti odjerni, kienet ser tigi ridotta fid-dimensjonijiet taghha u b'hekk jitnaqqas d-dritt tal-proprjeta' taghhom. Tali talba kienet saret b'rikors ta' l-intimati odjerni datat 13 ta' Lulju 2003, wara risposta ta' l-intimati datata 21 ta' Lulju 2004 fejn allegaw li huma kienu qed jibnu fil-proprjeta' taghhom u ghar-ragunijiet ohra indikati fl-istess risposta li tinsab a fol. 38 tal-process, u l-istess talba giet milqugha b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi datat 22 ta' Lulju 2004 u liema mandat gie esegwiet fit-30 ta' Lulju 2004; wara dan sar rikors mill-intimati odjerni datat 9 ta' Awissu 2004 u inghata digriet minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Cuschieri datat 3 ta' Settembru 2004 a fol. 33 tal-process.

Illi minn dan kollu jidher li ma hemm l-ebda dubju li l-intimati odjerni kellhom *prima facie* d-dritt ghall-hrug ta' l-imsemmi mandat ta' inbizzjoni abbazi tal-pretensjonijiet taghhom li altrimenti kienu ser isofru pregudizzju peress li

allegatament kien ser isir bini fil-proprjeta' allegatament taghhom. Fuq kollox ma jidhirx li rikorrenti odjerni ppruvaw li jezistu l-elementi citati minnhom abbazi ta' l-**artikolu 836 (1) (b) (d) u (f) tal-Kap 12**, u allura l-ispejjez dwar l-istess ghandhom jigu ssopportati mill-istess rikorrenti.

Illi kwantu t-talba hija bbazata fuq l-**artikolu 838A tal-Kap 12,** kemm minhabba dak li nghad iktar il-fuq, kif ukoll minhabba c-cessjoni ta' l-istess talba jew talbiet abbazi ta' l-istess artikolu skond in-nota tar-rikorrenti odjerni datata 14 ta' Novembru 2006 u anke minhabba dak kontenut fl-istess nota, din il-Qorti thoss li l-ispejjez ta' l-istess ghandhom jigu ssopportati mill-istess rikorrenti odjerni – dan kollu ma ghandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi Citaz. Numru 512/2004, li ovvjament tigi deciza fuq il-mertu taghha iktar il-quddiem.

Illi ghalhekk il-kap ta' l-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandu jigi ssopportat mir-rikorrenti Caruana.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti Caruana kontenuti fir-rikors taghhom datat 26 ta' Novembru 2004 bbazat fuq l-**artikolu 836 (1) (b) (d) u (f) u l-artikolu 838A tal-Kap 12,** u dan *stante* c-cessjoni tal-mertu ta' l-istess rikors permezz ta' nota ta' cessjoni tar-rikorrenti Caruana datata 14 ta' Novembru 2006, dwar il-kap ta' l-ispejjez ta' l-istess rikors ta' l-istess data, din il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ta' din il-procedura jibqghu a karigu tar-rikorrenti Caruana.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------